MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 260/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**

v

**ALEXANDER BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALEXANDER BUGEJA** bin Andrew u Vincenza nee Fenech, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 1974 u residenti 'Miel Rosada', Triq Olaf Gollcher, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita` numru 95174M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'Sasn Gwann, bejn l-hmistax ta' Novembru 1977 w s-sitta ta' Awissu 2002 b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, bhala proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond u cioe numru 26, 'Bugeja Butcher',

Triq ic-Ciklami, San Gwann, b’mezzi qarrieqa li ihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, kkommetta serq ta’ kurrent elettriku ta' elf mija wiehed u tletin lira u disghin centezmu ghad-danu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.

Talli fl-istess data, lok, hin u zminijiet u cirkostanzi voluntarjament hassar jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Giovanni Grixti esibit fl-atti a fol 9 et seq.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 40 tal-atti processwali.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Ispettur Martin Sammut, PS 547 Martin Agius, Silvio Decelis u lil espert tekniku Horace Anastasi li lkoll xehdu nhar t-tnax ta' Settembru 2003 kif jirrizulta a fol 42 et seq tal-atti odjerni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tad-disgha ta' Frar 2004.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tad-disgha ta' Frar 2004.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-disgha ta' Marzu 2004 kif jirrizulta a fol 77 tal-atti.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hamsa ta' April 2004 li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil **Silvio Decelis jixhed u jghid**, kif jirrizulta a fol 49 et seq tal-atti li skond r-*record of consumption* esibit minnu fl-atti w immarkat bhala dokument RC a fol 51 et seq, l-imputat ghandu jaghti lil Korporazzjoni Enemalta is-somma ta' elf mija wiehed u tletin lira disghin centezmu u erbgha millezmi u li minn din is-somma huwa diga hallas mitejn u hamsin lira akkont.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni tal-imputat li ghalkemm mhux daqstant bikrija ghenet sabiex ma jintilifx aktar zmien prezzjuz ghal Qorti kif wkoll l-fedina penali tal-imputat li mhiex daqstant rifrettarja u ghandha biss registrat fuqha tlett kontravenzjonijiet dwar l-Ordinanza tat-Traffiku.

**Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 18, 216, 263, 264, 267, 270 u 326 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat ALEXANDER BUGEJA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ tmintax il-xahar mil-lum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundannha lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta, l-Qorti rat illi dawn gew nominati fi stadju ta’ inkjesta u mhux waqt il-kumpilazzjoni u ghaldaqstant tali talba qieghda tigi michuda in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Trevor Farrugia datata sittax ta’ Jannar, 1998.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------